MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 66/2000/1

**Jonathan Micallef**

**Vs**

**B'digriet tal-Qorti tat-8 ta' Frar, 2000 gew nominati Dr. Vincent Galea u PL Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri Jade u Amber ahwa Micallef; Lorraine Attard; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fid-29 ta' Novembru 1998 twieldu fl-Isptar San Luqa l-minrui Amber u Jade minn missier mhux maghruf (Dok. A u B);

Premess illi l-attur kellu relazzjoni mal-konvenut Lorraine Attard u permezz ta' dikjarazzjoni notarili li ggib id-data tad-dsatax (19) ta' April tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) huwa rrikonoxxa lill-minru Jade u Amber bhala uliedu minuri (Dok. C);

Premess illi effettivament l-attur mhuwiex il-missier naturali tal-minuri Jade u Amber ahwa Micallef u li twieldu minn relazzjoni li l-konvenuta Lorraine Attard kellha ma' terza persuna;

Talab ghalhekk l-attur, prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi, lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara li l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri Jade u Amber ahwa Micallef li twieldu fid-29 ta' Novembru 1999;

2. Tordna l-korrezzjoni mehtiega fl-atti tat-twelid tal-minuri Jade u Amber ahwa Micallef, b'mod li tordna li jigu kancellati isem l-attur u l-konnotati kollha li jirreferu ghalih u jsiru l-ammontazzjonijiet mehtiega mir-Registratur tar-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa ma kienx edott mill-fatti li taw lok ghal kawza odjerna u ghalhekk irrimetta ruhu ghal provi migjuba u ghal gudizzju ta' din il-Qorti;

2. Illi peress li c-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna kienu ghal kollox estranei ghall-konvenut huwa ma kellux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanza odjerna;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati b’digriet tat-8 ta’ Frar 2000 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minrui Jade u Amber ahwa Micallef illi permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk irriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadu ulterjuri;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat illi l-konvenuta Lorraine Attard ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentatx in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Frar 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi azzjoni fejn l-attur qed jimpunja d-dikjarazzjoni mistqarra minnu stess permezz tal-kuntratt tad-19 ta' April 1999 (fol. 5) li hu missier it-tewmin illegittimi Jade u Amber imwielda fid-29 ta' Novembru 1998.

Il-fatti fil-qosor jistghu jigu hekk sintetizzati:-

I. L-attur, guvni, kien beda jiffrekwenta lil konvenuta Lorraine Attard, xebba, fl-1997. Huma damu johorgu flimkien ghal xi xahar biss;

II. L-imsemmija konvenuta ghaddiet biex tiffrekwenta *boy-friends* ohra, fosthom lil certu Jeffrey Turner;

III. Fl-1998, meta allura l-konvenuta kellha erba' (4) xhur tqala, l-konvenuta u l-attur regghu ltaqghu u bdew johorgu flimkien;

IV. Wara li twieldu t-tewmin il-konvenuta stqarret mal-konvenut illi kellha l-biza' li l-missier naturali taghhom seta' jehodhomlha. L-attur accetta li jassistiha f'dan u ghadda biex jiffirma d-dikjarazzjoni surreferita pubblikata fil-kuntratt suddett;

V. L-attur u l-konvenuta ghamlu xi zmien jghixu flimkien wara t-twelid tat-tfal, u kien anke jassisti finanzjarjament lill-konvenuta;

Minn ezami ta' l-aktar partijiet saljenti mix-xhieda f'dan il-process ghandu jirrizulta b'mod konvincenti illi d-dikjarazzjoni ta' l-attur li hu kien "missier it-trabi" kienet wahda inveritiera;

Hu ovvju li l-attur kien sukkubu tal-konvenuta. Gjaladarba fi kliemu stess kien "jiffansjaha" huwa ntrikeb minn din is-sitwazzjoni u l-fantasija li ma hallietux jirraguna mill-konsegwenzi ta' l-istqarrija li ghamel fil-kuntratt imsemmi. Dan isib konferma minn dak despost minnu ghad-domanda preciza li saritlu dwar ir-raguni ghaliex kien

irrikonoxxa lit-tfal bhala uliedu.  Huwa hekk wiegeb (fol. 50):

"Nispjega li jien xtaqt lilha u kont lest li naghmel kollox biex niehu lilha.  B'hekk kelli naghmel il-kuntratt ta' rikonoxximent ta' dawn it-tfal.";

Issa huwa veru li f'kazijiet bhal dawn il-Qorti trid toqghod ferm attenta u ma tonqosx li tgharbel il-provi bil-massima attenzjoni u cirkospezzjoni.  Dan ighodd *multo magis* imbaghad fejn l-istess persuna li ghamlet id-dikjarazzjoni tkun qed tattakka d-dikjarazjoni tal-paternita` minnha stess u *in primo luogo* konfessata u accettata;

Kif emfasizzat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Maria Vella nomine -vs- Vincenzo Caruana**", Appell Civili, 7 ta' Frar 1930 (Vol. XXVII P I p 437): "*E` se, giusto il principio piu` volte applicato dalla patria giurisprudenza, il giudicante in simili cause di ricerca di paternita` illegittima deve usare molta circospezione perche il sentiero si rivela tutto irto di difficolta` non e` men vero che l'usare circospezione non significa che il giudicante debba respingere l'azione, specie quando le relazioni illecite sono ammesse dal preteso padre ...*";

Minn dak ravvisat fil-precitata sentenza dak li tabilhaqq jaghmel prova *in subjecta materia* biex wiehed jitqies missier naturali mhux allura tant id-dikjarazzjoni, li tista', jew ma tkunx, veritiera, kif hekk hawn jirrizulta, izda r-realta` tal-vera sitwazzjoni.  Jigifieri u *inter alia* "*che al tempo prossimo al concepimento colui a cui si attribuisce la paternita` abbia avuto commercio carnale con la madre del figlio illegittimo*" ("**Caterina English -vs- Edgar Gatt**", Appell Civili, 1 ta' Gunju 1921; "**Elena Borg noe -vs- Giuseppe Gulia**", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1933);

Fil-kaz *de quo* jirrizulta illi meta gew koncepiti t-tfal u harget tqila l-konvenuta ma kienetx qed tohrog ma' l-attur jew kellha x'taqsam mieghu.  Ara xhieda in kontro-ezami tal-konvenuta (fol. 48);

Jirrizulta li f'dan iz-zmien tal-koncepiment hi kienet tiffrekwenta lil certu Jeffrey Turner. Dan minn naha tieghu u *ex admissis* jaccetta li t-tfal huma tieghu (fol. 65 u 66 tal-process);

Quddiem din il-konfessjoni kull perturbament li seta' kellha l-Qorti dwar id-dikjarazzjoni ta' l-attur fil-kuntratt imsemmi jghib u l-Qorti tista' b'certezza, mhux biss morali, taccetta l-ispjega (fol. 35) ta' l-attur fejn xehed dan fl-Affidavit tieghu:-

"Nammetti li jien lanqas biss kont naf ghal x'hiex diehal. Iffirmajt biss biex nohrog lil Lorraine mill-problemi u Geoffrey ma johdilhiex lit-tfal. Lorraine kienet haditni ghand in-Nutar Sandro Schembri Adami.";

Dan hu konfermat mill-konvenuta nnifisha li stqarret li kien minhabba l-biza' li kellha li l-missier naturali seta' jmur, kif qalulha, ir-Registru u jaqleb lit-tfal fuq konjomu, li "sar l-att tar-rikonoxximent minn Jonathan" (fol. 47).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-attur ma huwiex il-missier naturali tal-minuri Jade u Amber ahwa Micallef li twieldu fid-29 ta' Novembru 1998 skond certifikati tat-Twelid esebiti a fol. 52 u 53 tal-process;

Tilqa' ukoll it-Tieni Talba billi tordna li fl-Atti tat-Twelid tal-minuri jsiru l-korrezzjonijiet opportuni billi jigu kancellati isem l-attur u l-konnotati riferibbli ghalih u dawn jigu sostitwiti bil-kliem "missier mhux maghruf".

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn l-attur u l-konvenuta Lorraine Attard.

--------------------------------TMIEM--------------------------------